**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Nru** 1879

**Kaz Nru 2460/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Giuseppe Pianciamore**

**u**

**Mediterranean Broadcasting Equipment Limited.**

**Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.**

Illum : 28 ta' Ottubru, 2008

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).**

**Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-Qorti Superjuri datata 14 ta' Frar, 2007 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijet Industrijali.**

Is-Sur Giuseppe Pianciamore li minn issa jidher bhala l-Appellant, kien assistit mill-Avv. Joanne Vella Cuschieri. Ghas-socjeta Mediterranean Broadcasting Equipment Limited, beda biex deher is-Sinjur Alessandro Narduzzi li inizjalment kien assistit mill-Avv. John Refalo, sakemm permezz ta' ittra datata 24 ta' April 2008, informa lit-Tribunal Industrijali fejn qal li " jirrinunzja ghall-patrocinju tal-Kumpanija appellata stante li ma ghaux fil-kuntatt maghha u kull tentattiv biex jirripristun dan il-kuntatt kien bla ezitu".

It-Tribunal Industrijali ghamel diversi tenttativi permezz anki ta' ittri registrati sabiex jghamel kuntatt mas-sidien u rapprezentanti tal-Kumpanija sabiex ikunu prezenti u rapprezentati fil-kaz inkwestjoni. Izda, dawn it-tentattivi kienu minghajr success. Fis-17 ta' Gunju 2008, it-Tribunal Industrijali ddikjara li " wara li gie nnutat illi kull korrispondenza li ntbaghtet fl-indirizz ipprovdut mis-Socjeta lit-Tribunal Industrijali, l-ittri rregistrati li ntbaghtu lis-Socjeta f'dawn l-ahhar tlett seduti, dawn kollha gew lura "unclaimed" u "gone away", ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali qed jiddeciedi, li ghal darb'ohra jiddeferixxi il-kaz ghal nhar it-Tlieta 22 ta' Lulju 2008 fil-11.15a.m. bl-intendiment car, illi jekk ma jidher hadd ghas-Socjeta ntimata, issir it-trattazzjni finali tar-rikorrent".

Il-kaz inkwestjoni imressaq mir-rikorrent kien, li originarjament kien impjegat mal-Kumpanija intimata bhala full-time driver/operator taht kuntratt definit ghal sentjen bil-fakulta li jiggedded ai termini ta' l-istess kuntratt. Huwa jkompli jghid, li f'Marzu tas-sena 2001 huwa gie promoss bhala factory supervisor. L-appellant ikompli jghid fil-kaz tieghu, li fit-28 ta' Frar 2002 huwa gie moghti kuntratt iehor tax-xoghol indefnit bhala Operator. Huwa jtemm l-istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid li fit-22 Dicembru 2006, huwa gie nfurmat mil-Kumpanija li l'impieg tieghu kien se jigi tterminat b'effett mit-12 ta' Frar 2007.

Ir-rikorrent fil-kaz tieghu jghid, li it-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda ngusta peress li hu ma kienx l-ahhar impjegat li dahal f'dak il-grad u ghaldaqstant is-sensja ma kienitx tmiss lilu.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li l-appellant beda jahdem mal-Kumpanija fi Frar 2000 bhala driver u billi rrizulta li din il-pozizzjoni ma kienitx aktar mehtiega fl'2001, huwa gie moghti kuntratt gdid ta' supervisor. Is-socjeta tkompli tghid, li fi Frar 2002 billi il-post ta' supervisor ma kienx aktar mehtieg huwa nghata xoghol ta' operator. Is-Socjeta tghid ukoll, li f'dan ir-rowl huwa kompla jaqdi wkoll il-funzjonijiet ta' factory supervisor. Is-socjeta tkompli tghid, li f'dan ir-rowl huwa ma kienx kapaci jaghmel dak ix-xoghol u wara diskussjonijiet thalla jkompli jahdem bhala warehouse keeper. Is-Socjeta tghid ukoll, li aktar tard peress li il-post ta' warehouse keeper ma kienx mehtieg l-impieg tieghu gie tterminat.

Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien gie mpjegat mas-Socjeta permezz ta' kuntratt definit fi Frar 2000 bhala Driver/Operator. Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-28 ta' Frar 2002, gie ffirmat kuntratt iehor indefenit bejn is-Socjeta u ir-rikorrent fejn gie moghti l-impieg ta' operator. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-impieg tar-rikorrent gie tterminat fis-12 ta' Frar 2007 ghal ragunijiet ta' nuqqas ta' xoghol.

Matul il-provi, it-Tribunal Industrjali investiga diversi dokumenti u xhieda fejn jirrizulta, li meta gie tterminat l'impieg tar-rikorrent ix-xoghol tieghu kien ghadu jezisti u kien qed jghamlu mpjegat iehor. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant ma kienx l-ahhar impjegat li dahal fil-grad tax-xoghol tieghu u invista ta' dan ma kienx imiss lilu li jispicca mill-impieg.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, semgha u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg minn mas-Socjeta ma saritx skond il-ligi.

It-Tribunal Industrijali jiddciedi wkoll, li fil-waqt li l-appellant ma jigix moghti l-impieg lura, huwa ghandu jigi moghti kumpenss ta' E3,500(tlett t'telef u hames mitt Euro) liema kumpenss ghandu jithallas mill-Kumpanija Mediterranean Broadcasting Equipment Limited fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

It-Tribunal Industrijali jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista fl'ammont ta' E 93.18

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Vera kopja

Harold Walls
Chairman

M'Rose Galea
Segretarja.